# FILOSFU

*Ta'* Patri D. Mintoff O.F.M.

L-EWWEL darba f'ħajti li ħassejtni filosfu. Iva sirt filosfu. U din id-darba bi ħsiebni nitfa' taħt saqajja t-tagħlim u l-irqaqat tal-filosfi kbar u żgħar. Min hu Sokrate? Bniedem li temm ħajtu wara li xorob ftit meraq tal-ħaxixa. Min hu Platone? Poeta moħħu fis-sħab u saqajh fuq l-art. Kartesju? Qal dak li ħaseb u tgħallem.

Barra minn hawn! Barra kollha kemm huma l-filosfi. Il-filosofija tinsab għandi. Fl-aħħar jien filosfu. Jien biss. Mhux għax ktibt xi mijiet ta' kotba kif titkellem jew taħseb jew tfittex il-kif u l-għaliex, lanqas għax sibt il-bidu ta' kif jimxi d-dawl u l-ħsejjes u lanqas għax qsamt u rġajt qsamt l-iżgħar ħlieqa, Xejn minn dan. Bdanakollu jien sirt filosfu mill-qurriegħa ta' rasi sal-qorq ta' riġlejja.

Jien biss filosfu. Sirt issa wara ħamsin sena jew aħjar wara eluf ta' jiem mindu twelidt. Sirt issa f'daqqa waħda. Ġieni ħin tajjeb. Stajt nara sewwa u nidħol 'il ġewwa fid-dinja ta' ħajti. Kien ħin li bidilni bħallikieku missitni xi qasba ta' xi saħħar. Mhux miraklu le. Kont hemm fil-ġenb ta' l-altar. Kien nhar l-Erbgħa, sitta ta' Marzu, fis-sebgħa u nofs ta' fil-għodu... nhar l-Erbgħa tar-Rmied. Dak in-nhar ħdejn l-artal konna jien, wieħed xiħ u daqsxejn ta' tifel. Il-qassis kellu f'idejh plattin bl-irmied.

Skiet kbir. Jinfetaħ il-Missal. Jinxtegħlu x-xema'. Mittwieqi tal-koppla jidħol farfett. Ried jara x'qed jiġri Jiftaħ u jagħlaq ġwienħajh bellusija. Jersaq lejn is-Salib. Minn ħemm itir għal fuq il-gandlieri. Iħares u jerġa' jħares. Sabiħ ilsien in-nar jitliegħeb mal-fewġa ħelwa ta' fil-għodu. Min jista' jidħol fil-moħħ ta' farfett? Jiġgennen għal dik is-sbuħija tan-nar. Idur idur miegħu sakemm jaħraq ġwienħajh u jaqa' għaxi mejjet fl-art. Il-qassis ħabib tas-sewwa u ta' kull ma hu sabiħ jaraħ.

Issa kien wasal ħdejja. Jaqbad plattin b'idejh ix-xellugija u b'subgħajh il-kbir u bil-werrej tal-leminija jaqbad nitfa irmied, jitbaxxa ftit u jraxxax'l-irmied fuq rasi waqt li jgħid: ''*memento homo quia pulvis es et in pulverem...*'' u jibqa' jraxxax sakemm wasal fuq ras it-tfajjel.

Fil-għodu tas-sitta ta' Marzu fis-sebgħa. Minn x'ħin inħarqu l-ġwienaħ tal-farfett sakemm niżel l-irmied fuq rasi għaddew ftit minuti. U f'dak il-ftit ħin jien sirt filosfu. Haġa bilkemm titwemmen u iebsa ħafna biex temmen kif ġie ġie. Biex ngħid is-sewwa jien dejjem qist lill-filosfi bħala nies għalihom iktar bolqħ milli f'sensihom. Jew aktar morda b'moħħhom milli f'saħħithom. Meta kont għadni nitgħallem, kull darba li kien ikollna t-tagħlim tal-filosofija, kont niddejjaq. Waqt li min kien jgħallem kien ibati u jħabbel moħħu biex jibqa' jidħol minn irqaqat għall-oħra, jien kont inkun inħares lejn l-arloġġ jew inħażżeż xi wiċċ imqit ta' xi ħadd minn sħabi.

U kellha tkun dik in-nitfa irmied fis-sebgħa ta' fil-għodu biex nerġa' niftakar fil-filosofija. Kemm-il darba rajt irmied b'għajnejja f'dawn l-ħamsin sena tiegħi. Irmied ta' karti maħruqa, irmied tas-sigaretti, irmied fi-kċina, irmied fiċ-ċumnija... Għaliex nitfa irmied fis-sitta ta' Marzu li għadda kellha taqlibli moħħi? Mhux irmied bħall-ieħor? Ma nafx inwieġeb. Min jista' jidħol fil-moħħ ta' farfett? U min ħlief Alla jista' jidħol fil-moħħ tal-bniedem?

Kemm hi ħaġa sabiħa ssir filosfu. Ma hemmx għalfejn titwerreċ taqra kotba jew titqalleb, tikteb iljieli u jiem sħaħ. Min ma jafx jaqra kelma waħda u min ma jafx jikteb anqas ismu jista' jsir filosfu. Min ma daħal qatt f'Università imma għadda ħajtu kollha f'għorfa jista' jsir ukoll. Biżżejjed nitfa irmied biex issir filosfu. Imma jrid ikun irmied li jinżel mis-Sema u jfakkrek fl-irmied ta' l-art. Ifakkrek li kollox irmied. Il-ġisem tiegħu huwa rmied... Mhux jien biss u x-xiħ u tfajjel imma kulħadd. Min

qabel u min wara. Min qiegħed fuq nett u min qiegħed isfel nett. Min ma għandux ħabba fil-but u min għandu l-eluf fil-Bank. Min iterter bil-bard u min imleffef fis-suf. Min għadu kemm jibda l-ħajja u min qiegħed inin.

Hekk dak in-nhar tas-sitta ta' Marzu fis-sebgħa ta' fil-għodu jien ħraqt il-ħmerijiet kollha tiegħi li kienu jżommuni 'l fuq mill-oħrajn bħalma dak in-nhar inħarqu l-ġwienaħ tal-farfett. U sirt filosfu jekk mhux nofs teologu wkoll.